TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 945

KAZ NRU. 945

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Alfred Rizzo

u

Sea Malta Company Limited

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 25 ta' Mejju 1998

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie referit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 7 ta' Lulju 1995 b'referenza ME/4/95/52 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ic-Chairman li kien qed jippresiedi l-kwistjoni rtira mit-Tribunal wara l-ghaxar seduta u l-kaz gie riferit lic-Chairman sottoskritt li kompla jisemghu fit-23 ta' Frar 1998. It-Tribunal zamm 12 il-seduta.

Alfred Rizzo, aktar il quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici u Sea Malta Company Limited, aktar il quddiem tissejjah il-"Kumpanija"

kienet rappreżentata mis-Sur Charles Zammit assistit mill-Avukat John Buttigieg.

L-appellant fl-iStqarrija tal-Kaz ikkontenda li ngustament gie demoted minn 3rd Engineer ghal Mechanic u li dan kien jikkostitwixxi terminazzjoni ta' l-impieg minghajr raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

Il-Kumpanija fl-iStqarrija tal-Kaz issottomettiet li ;

- billi l-appellant kien ingaggat bhala bahri fuq vapuri tal-Kumpanija, bhala tali ma kienx jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal ;

- it-talba ta' l-appellant saret barra l-hin preskritt bil-ligi ;

- wara li ttiehdu passi dixxiplinarju kontra l-appellant dan ghazel li ma joqghodx ghalihom u ma baqghax jattendi ghax-xoghol. Ghalekk kien l-appellant li ttermina l-impieg tieghu.

It-Tribunal, kif originarjament presedut, kien ikkonsidra l-eccezzjonijiet tal-Kumpanija u ddecieda li jipprocedi bil-kaz.

L-Appellant kien nstab hati mill-Kumpanija li rrifjuta jaghmel xoghol li ordnalu ufficjal superjur tieghu u li wera insubordinazzjoni lejh u lejn ufficjali ohra superjuri tieghu b'attitudni abużiva u arroganti lejhom inkluz ic-Chief Engineer u l-Kaptan tal-vapur.

Mix-xhieda gie ppruvat li l-appellant irrifjuta li jezegwixxi ordni li kienet legittima skond ic-cirkostanzi, regoli u proceduri li kienu vigenti. Gie ppruvat ukoll li agixxa b'mod insubordinat lejn ufficjali superjuri.

It-Tribunal hu sodisfatt li l-appellant kien inghata opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu anke bl-ghajnuna tal-Union li kien membru taghha. Il-Bord ta' Dixxiplina offrielu li jsir konfront ma' l-ufficjali kollha koncernati izda rrifjuta u nsista li d-dikjarazzjonijiet ta' dawn ghandhom isiru permezz ta' affidavit. Fil-fatt dawn kollha xehdu bil-gurament quddiem it-Tribunal. Kien inghata ukoll opportunita li jappella izda l-appell ma kienx gie milqugh mill-Kumpanija. It-Tribunal jirrimarka li rifjut ta' ordni legittima u nsubordinazzjoni lejn superjuri huma nuqqasijiet serji ta' mpjegat u bhala regola jimmeritaw passi dixxiplinarji severi inkluz tkeccija. Dawn in-nuqqasijiet jassumu gravita akbar f'kaz ta' ufficjali fis-servizz ta' vapuri merkantili fejn id-dixxiplina hija vitali ghal tmexxija serja, ghal bonordni u ghal sigurta abbord.

It-Tribunal, wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jiddeciedi li l-Kumpanija kellha dritt, u kienet gustifikata, tiehu passi dixxiplinarji kontra l-appellant anke jekk wiehed ma jqiesx twissija precedenti fuq nuqqas serju. Id-demotion minn Engineering Officer ghal Mechanic kienet wahda severa izda kienet effettiva ghal sitt xhur biss u kienet thalli l-possibbilta' li l-appellant jinghata lura l-grad ta' Engineering Officer jekk jikkomporta ruhu b'mod sodisfacenti ma tul dan il-perijodu.

L-appellant ghazel li ma joqghodx ghal din id-decizjoni tal-Kumpanija u ma rrappurtax aktar ghax-xoghol.

Ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li kien l-appellant li abbanduna x-xoghol u ma kienx hemm tkeccija ngusta.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din it-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

CHAIRMAN

George Attard

SEGRETARJU